Assessjar tal-Malti għall-Barranin

Is-Seba' Sena – Rotta 3

Sillabu 2019

<table>
<tr><th colspan="2">Assessjar Formattiv 40%</th></tr>
<tr><td colspan="2">Skont il-kisbiet mit-tagħlim:</td></tr>
<tr><td>It-Taħdit (10 marki)

Il-marka globali li ġab l-istudent
Il-marka globali tat-taħriġiet kollha f'daqqa
X 10</td><td>4 taħriġiet

• Użu ta' numri u kliem li juri ħin fi preżentazzjoni qasira dwar it-temi li studjajt. (K1) (K2)
Eż: Meta mort iċ-ċinema/teatru
Nagħti informazzjoni dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija / numru ta' kotba f'sezzjonijiet differenti tal-librerija.
• Taħriġ f'forma ta' role play bl-użu ta' sentenzi sempliċi biex titwieġeb telefonata. (K3)(K6)
• 2 taħriġiet fejn l-istudenti jitkellmu fil-qosor b'sentenzi sempliċi dwar temi mgħallma. (K4) (K5)(K6)</td></tr>
<tr><td>Is-Smigħ (10 marki)

Il-marka globali li ġab l-istudent
Il-marka globali tat-taħriġiet kollha f'daqqa
X 10</td><td>4 taħriġiet

• Taħriġ fi gruppi fejn l-istudenti jisimgħu/ jsegwu u jagħmlu l-prodott finali waqt li jisimgħu riċetta ħafifa. (K2)
• 2 żewġ eżerċizzji ta' taħriġ fis-smigħ bl-użu tan-numri u l-ħin skont it-temi mgħallma (K3) (K4) (K5)
• Eżerċizzju ta' taħriġ fis-smigħ minn materjal awdjo-viżiv bħall-aħbarjijet. (K6)</td></tr>
</table>

Il-Qari (10 marki) Il-marka globali li ġab l-istudent / Il-marka globali tat-taħriġiet kollha f'daqqa X 10	**4 taħriġiet** • **2** taħriġiet ta' qari mgħajjat. (K5) • Taħriġ ta' fehim mill-qari marbut mat-temi mgħallma fejn l-istudenti juru x'fehmu billi jagħżlu t-tajba, jgħidu hux veru jew falz u jimlew il-vojt. (K1) • Taħriġ ta' fehim mill-qari meħud minn fuljetti u gazzetti. (K3)
Il-Kitba (10 marka) Il-marka globali li ġab l-istudent / Il-marka globali tat-taħriġiet kollha f'daqqa X 10	**4 taħriġiet** • Kitba ta' ittra informali. (K1) • Kitba ta' paragrafu marbut mat-temi mgħallma. (K2) • Kitba ta' storja qasira. (K4)(K5) • Kitba ta' mistoqsijiet biex jintalbu dettalji dwar xi ħaġa jew xi ħadd. (K6)